REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1111

tas-6 ta' Ġunju 2023

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tat-trasportatur tal-ajru li jopera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([2]) jistabbilixxi l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.

(2) Ċerti Stati Membri u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") għaddew lill-Kummissjoni informazzjoni li hija rilevanti għall-aġġornament ta' dik il-lista, skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali wkoll ipprovdew informazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li dik il-lista tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi tal-ajru kollha kkonċernati, direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi ta' deċiżjoni li timponilhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jew li timmodifika l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru li jkun inkluż fil-lista stabbilita fl-Annessi A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumentazzjoni rilevanti kollha, jissottomettu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE").

(5) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-konsultazzjonijiet li għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/660 ([3]), mal-awtoritajiet kompetenti u mat-trasportaturi tal-ajru tal-Armenja, tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, tal-Iraq u tal-Kirgistan. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Arġentina, fil-Kongo (Brazzaville), fl-Eġittu, fil-Każakistan, fil-Kenja, fil-Madagascar, fil-Moldova, fin-Nepal, fil-Pakistan u fis-Sudan t'Isfel.

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/660 tat-2 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi regoli dettaljati għal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet ta' operar fl-Unjoni msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 473/2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83 22.3.2023, p. 47).

(6) L-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa għall-evalwazzjoni inizjali u l-monitoraġġ kontinwu tal-awtorizzazzjonijiet minn operaturi ta' pajjiżi terzi ("TCO"), maħruġa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 ([4]).

(7) L-Aġenzija infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fil-kuntest tal-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA"), f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([5]).

(8) Barra minn hekk, l-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li saru fil-pajjiżi terzi milqutin minn projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 474/2006. Barra minn hekk, l-Aġenzija pprovdiet informazzjoni dwar il-pjanijiet u t-talbiet għal iktar assistenza teknika u kooperazzjoni biex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva u teknika potenzjali tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili fil-pajjiżi terzi, bl-għan li dawn jiġu megħjuna jiżguraw il-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili applikabbli. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrispondu għal tali talbiet fuq bażi bilaterali, b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni saħqet mill-ġdid fuq is-siwi tal-għoti ta' informazzjoni lill-komunità internazzjonali tal-avjazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-għodda ta' Sħubija tal-Assistenza għall-Implimentazzjoni tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO"), dwar l-assistenza teknika lil pajjiżi terzi pprovduta mill-Unjoni u mill-Istati Membri sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni mad-dinja kollha.

(9) Il-Eurocontrol ipprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'aġġornament dwar l-istatus tal-funzjonijiet ta' allarm tas-SAFA u tat-TCO, inkluż l-istatistika dwar il-messaġġi ta' allert għat-trasportaturi tal-ajru pprojbiti.

Trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni

(10) Wara l-analiżi mill-Aġenzija tal-informazzjoni li ħarġet mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq l-inġenji tal-ajru tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni, kif ukoll mill-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li twettqu mill-Aġenzija, u kkomplementata bl-informazzjoni li rriżultat minn spezzjonijiet u awditi speċifiċi li twettqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, diversi Stati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtoritajiet kompetenti, ħadu ċerti miżuri korrettivi u ta' infurzar u infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar dawk il-miżuri.

(11) L-Istati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtoritajiet kompetenti, saħqu mill-ġdid li lesti jaġixxu kif meħtieġ f'każ li informazzjoni pertinenti dwar is-sikurezza tkun tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni ma' standards tas-sikurezza rilevanti.

Trasportaturi tal-ajru mill-Armenja

(12) F'Ġunju 2020, it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/736 ([6]).

(13) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu, il-Kummissjoni identifikat li, f'Diċembru 2022, it-trasportatur tal-ajru l-ġdid *Armenian Airlines* ġie ċċertifikat mill-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Armenja ("CAC"). Peress li s-CAC ma pprovdiex lill-Kummissjoni bl-evidenza biex juri li għandu kapaċità suffiċjenti biex jimplimenta u jinforza l-istandards tas-sikurezza rilevanti, il-ħruġ ta' ċertifikat tal-operatur tal-ajru ("AOC") lil dan it-trasportatur tal-ajru ġdid ma jiggarantix konformità suffiċjenti mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti.

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/736 tat-2 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 172, 3.6.2020, p. 7).

(14) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li, fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Armenja, il-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex it-trasportatur tal-ajru *Armenian Airlines* jiġi inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(15) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

(16) F'Marzu 2006, it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ġew inklużi fir-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(17) Fuq talba tal-Autorité de l'Aviation Civile tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ("AAC/RDC"), saret laqgħa teknika fid-19 ta' April 2023. Matul dik il-laqgħa teknika, l-AAC/RDC ipprovdiet preżentazzjoni komprensiva tal-organizzazzjoni u tal-funzjonijiet tagħha, u l-miżuri meħuda biex tittejjeb is-sorveljanza tas-sikurezza fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. L-AAC/RDC infurmat ukoll lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati preliminari taż-żjara tal-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("USOAP") tal-ICAO li saret f'Settembru 2022 u fi Frar 2023.

(18) Il-laqgħa wriet li l-AAC/RDC għad trid tipprovdi lill-Kummissjoni b'aktar kjarifiki u evidenza dwar ċerti azzjonijiet u miżuri meħuda, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru u tat-tiġdid tal-validità tal-AOCs.

(19) Matul dik il-laqgħa teknika, l-AAC/RDC infurmat lill-Kummissjoni li t-trasportaturi tal-ajru *AB BUSINESS*, *AIR KASAI*, *GOMA EXPRESS* u *TRACEP CONGO AVIATION* ġew iċċertifikati mill-aħħar aġġornament li pprovdiet lill-Kummissjoni fis-6 u t-13 ta' Mejju 2020.

(20) L-ICAO, permezz tal-Bullettin Elettroniku tagħha 2023/18 tal-1 ta' Mejju 2023, innotifikat lill-Istati kontraenti tagħha bl-identifikazzjoni ta' żewġ każijiet ta' Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza ("SSC") waqt l-awditu tagħha ta' Frar 2023, li jappartjenu għaż-żona tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru b'rabta mal-proċeduri tat-titjir bl-istrumenti u mal-ispezzjonijiet tat-titjiriet għall-għajnuniet għan-navigazzjoni.

(21) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-AAC/RDC u n-notifika ta' żewġ SSCs mill-ICAO, il-Kummissjoni ġġustifikat riżervi dwar il-kapaċità tal-AAC/RDC li tiżgura li l-operazzjonijiet minn trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo jitwettqu f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza rilevanti. B'konsegwenza ta' dan, se jsiru aktar laqgħat tekniċi biex jiġi mmonitorjat il-progress tal-kapaċità tal-AAC/RDC biex tiżgura li s-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni tagħha tikkonforma mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza.

(22) Peress li l-AAC/RDC ma wrietx kapaċità suffiċjenti biex timplimenta u tinforza l-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOC lit-trasportaturi tal-ajru *AB BUSINESS*, *AIR KASAI*, *GOMA EXPRESS*, u *TRACEP CONGO AVIATION* ma jiggarantix konformità suffiċjenti ma' dawn l-istandards, u għalhekk dawn it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jiżdiedu fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(23) Fit-8 ta' Mejju 2023, l-AAC/RDC ipprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza li t-trasportatur tal-ajru *MWANT JET* ma għadx għandu AOC validu. Għalhekk dan it-trasportatur tal-ajru jenħtieġ li jitneħħa mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(24) Skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex it-trasportatur tal-ajru *MWANT JET* jitneħħa mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 u t-trasportaturi tal-ajru *AB BUSINESS*, *AIR KASAI*, *GOMA EXPRESS* u *TRACEP CONGO AVIATION* jiġu miżjuda fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(25) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mill-Iraq

(26) F'Diċembru 2015, it-trasportatur tal-ajru *Iraqi Airways* ġie inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 ([7]).

(27) Bħala parti mill-konsultazzjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar il-Lista tal-UE tas-Sikurezza tal-Ajru ("ASL"), il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija u l-Istati Membri, organizzat għadd ta' laqgħat tekniċi mal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Iraq ("ICAA") u mal-*Iraqi Airways*. Dawk id-diskussjonijiet iffukaw fuq l-isforzi mwettqa mill-ICAA fl-indirizzar tat-tħassib dwar is-sikurezza li kien ġie identifikat qabel mill-Kummissjoni u mill-esperti tal-Aġenzija, kif ukoll fir-rigward tas-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati tal-Iraq.

(28) Fl-20 ta' April 2023, bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tal-Kummissjoni, saret laqgħa teknika bejn il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u l-ICAA. Matul dik il-laqgħa, l-ICAA pprovdiet informazzjoni dwar diversi elementi ewlenin relatati mal-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-sikurezza, filwaqt li enfasizzat id-deċiżjoni tal-gvern Iraqi li jalloka riżorsi sostanzjali biex jappoġġa l-isforzi tal-ICAA biex tiġi żgurata s-sorveljanza effettiva tas-sikurezza fil-pajjiż, b'mod partikolari għat-taħriġ tal-ispetturi u faċilitajiet xierqa.

(29) Fir-rigward tas-sorveljanza tas-sikurezza, l-ICAA ddivulgat li hemm sitt detenturi ta' AOC, erba' Organizzazzjonijiet ta' Manutenzjoni Approvati u Organizzazzjoni waħda tat-Traffiku tal-Ajru bbażati fl-Iraq li għalihom hija responsabbli l-ICAA.

(30) L-ICAA rrappurtat li kienet ġiet abbozzata Liġi tal-Avjazzjoni ġdida li tinsab għaddejja minn konsultazzjoni, u meta tgħaddi se twassal għal bidliet sinifikanti fir-regolamenti u proċeduri interni tal-ICAA. Barra minn hekk, l-ICAA bħalissa qed taħdem fuq l-aġġornament tal-Qafas On-Line tal-ICAO, sakemm issir ir-reviżjoni tal-ICAO tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva ("CAP") propost mill-ICAA.

(31) Matul dik il-laqgħa teknika, l-ICAA infurmat ukoll lill-Kummissjoni li l-Ispetturi tal-Operazzjonijiet ta' Titjir ("FOI") kienu ġestiti parzjalment permezz tad-dežinjazzjoni tal-bdoti tal-operaturi tal-ajru fuq bażi part-time. Barra minn hekk, huma ppreżentaw il-pjanijiet tagħhom biex jirreklutaw FOIs dedikati full-time. Deċiżjoni reċenti mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Ministri ppermettiet lill-ICAA tikkuntratta u tirrekluta esperti fl-oqsma tal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, tal-liċenzjar, tal-valutazzjoni medika, tal-ajrunavigabbiltà, tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u taċ-ċertifikazzjoni tal-ajrudromi.

(32) Barra minn hekk, il-laqgħa teknika inkludiet skambju qasir dwar id-deċiżjoni riċenti li tiċħad id-domanda għal awtorizzazzjoni ta' TCO li ttieħdet għal raġunijiet ta' sikurezza.

(33) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi li qed isiru mill-ICAA u l-fatt li l-ICAA hija impenjata li twettaq l-obbligi internazzjonali tagħha fir-rigward tas-sikurezza tal-avjazzjoni. Minkejja dawn l-iżviluppi, l-informazzjoni pprovduta sa issa teħtieġ aktar verifika permezz ta' laqgħat tekniċi addizzjonali.

(34) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Iraq.

(35) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Iraq mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(36) Meta kwalunkwe informazzjoni pertinenti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 tal-10 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 67).

Trasportaturi tal-ajru mill-Kirgiżistan

(37) F'Ottubru 2006, it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Kirgiżistan ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 1543/2006 ([8]).

(38) Fit-12 ta' Mejju 2023, bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tal-Kummissjoni, saret laqgħa teknika bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti mill-Aġenzija tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Istat taħt il-patroċinju tal-Kabinett tal-Ministri tar-Repubblika tal-Kirgistan ("CAA KG").

(39) Matul dik il-laqgħa, is-CAA KG esprimiet l-impenn tagħha li tidħol fi djalogu dwar is-sikurezza mal-Kummissjoni bl-għan li eventwalment jitneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, u enfasizzat ir-rieda tagħha li torganizza laqgħat addizzjonali kif jitqies meħtieġ mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, is-CAA KG wieġħdet li taqsam kwalunkwe informazzjoni pertinenti dwar is-sikurezza mal-Kummissjoni bħala parti mill-konsultazzjonijiet uffiċjali li jinvolvu l-awtoritajiet regolatorji responsabbli għas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Kirgiżistan, inklużi r-riżultati miż-żjara tal-USOAP ippjanata għal Settembru 2023.

(40) Barra minn hekk, is-CAA KG ipprovdiet ħarsa ġenerali komprensiva tal-istruttura organizzattiva tagħha u ddeskriviet il-pjanijiet tagħha għall-istabbiliment tal-entità l-ġdida li se tkun responsabbli għall-proċess tas-sorveljanza tas-sikurezza, u li tirraporta direttament lis-CAA KG.

(41) Is-CAA KG semmiet l-istatus tal-implimentazzjoni tal-Programm tal-Istat għas-Sikurezza u enfasizzat l-emendi li saru fil-Kodiċi tal-Ajru tal-Kirgiżistan. Barra minn hekk, is-CAA KG spjegat li kienu qed jistinkaw b'mod attiv biex isiru istituzzjoni li tiffinanzja lilha nnifisha, li jippermettilhom iżidu r-riżorsi tagħhom u jallokaw fondi addizzjonali għat-taħriġ tal-ispetturi tagħhom.

(42) Minkejja dawn l-iżviluppi pożittivi, bħalissa ma hemmx biżżejjed evidenza sostanzjata li s-CAA KG indirizzat b'mod effettiv it-tħassib kollu dwar is-sikurezza li wassal għall-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1543/2006.

(43) Barra minn hekk, fis-16 ta' Mejju 2023, is-CAA KG infurmat lill-Kummissjoni li l-AOCs tat-trasportaturi tal-ajru *Air Manas* u *Valor Air* kienu ġew revokati. Għalhekk dawn it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jitneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(44) Fl-istess ħin, is-CAA KG infurmat ukoll lill-Kummissjoni li t-trasportaturi tal-ajru l-ġodda *Aero Nomad Airlines*, *CENTRAL ASIAN AVIATION SERVICES*, *Global 8 Airlines*, *Mac.KG Airlines*, *Aircompany Moalem Aviation*, *SAPSAN Airline*, *Sky Jet* u *TRANS CARAVAN KG* kienu ġew iċċertifikati. Peress li s-CAA/KG ma wrietx kapaċità suffiċjenti biex timplimenta u tinforza l-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOC lil dawn it-trasportaturi tal-ajru l-ġodda ma jiggarantix konformità suffiċjenti ma' dawn l-istandards, u għalhekk dawn it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jiżdiedu fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(45) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li, fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Kirgiżistan, il-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex it-trasportaturi tal-ajru *Aero Nomad Airlines*, *CENTRAL ASIAN AVIATION SERVICES*, *Global 8 Airlines*, *Mac.KG Airlines*, *Aircompany Moalem Aviation*, *SAPSAN Airline*, *Sky Jet* u *TRANS CARAVAN KG* jiġu inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, u biex *Air Manas* u *Valor Air* jitneħħew minn dak l-Anness.

(46) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Kirgistan mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(47) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1543/2006 tat-12 ta' Ottubru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 filwaqt li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 910/2006 (ĠU L 283, 14.10.2006, p. 27).

(48) Minħabba l-implikazzjonijiet tas-sikurezza, l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jagħrfu l-bżonn li jittieħdu deċiżjonijiet malajr u, meta jkun xieraq, b'urġenza. Għaldaqstant, huwa essenzjali li, sabiex jiġu mħarsa l-informazzjoni sensittiva kif ukoll il-pubbliku li jivvjaġġa, kwalunkwe deċiżjoni fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni tiġi ppubblikata u tidħol fis-seħħ minnufih wara l-adozzjoni tagħha.

(49) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE stabbilit skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Anness A huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) l-Anness B huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"Anness A

LISTA TA' TRASPORTATURI TAL-AJRU LI HUMA PPROJBITI MILLI JOPERAW FL-UNJONI, B'XI EĊĊEZZJONIJIET [1]

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") jew Numru tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
AVIOR AIRLINES	ROI-RNR-011	ROI	Il-Venezwela
BLUE WING AIRLINES	SRBWA-01/2002	BWI	Is-Suriname
IRAN ASEMAN AIRLINES	FS-102	IRC	L-Iran
IRAQI AIRWAYS	001	IAW	L-Iraq
AIR ZIMBABWE (PVT)	177/04	AZW	Iż-Żimbabwe
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**L-Afganistan**
ARIANA AFGHAN AIRLINES	AOC 009	AFG	L-Afganistan
KAM AIR	AOC 001	KMF	L-Afganistan
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *TAAG Angola Airlines* u *Heli Malongo*, inkluż			**L-Angola**
AEROJET	AO-008/11-07/17 TEJ	TEJ	L-Angola
GUICANGO	AO-009/11-06/17 YYY	Mhux magħruf	L-Angola
AIR JET	AO-006/11-08/18 MBC	MBC	L-Angola
BESTFLYA AIRCRAFT MANAGEMENT	AO-015/15-06/17YYY	Mhux magħruf	L-Angola
HELIANG	007/11-08/18 YYY	Mhux magħruf	L-Angola
SJL	AO-014/13-08/18YYY	Mhux magħruf	L-Angola
SONAIR	AO-002/11-08/17 SOR	SOR	L-Angola

[1] It-trasportaturi tal-ajru mniżżlin fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur tal-ajru li mhuwiex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, diment li jkun hemm konformità mal-istandards tas-sikurezza rilevanti.

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") jew Numru tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Armenja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**L-Armenja**
AIRCOMPANY ARMENIA	AM AOC 065	NGT	L-Armenja
ARMENIAN AIRLINES	AM AOC 076	AAG	L-Armenja
ARMENIA AIRWAYS	AM AOC 063	AMW	L-Armenja
ARMENIAN HELICOPTERS	AM AOC 067	KAV	L-Armenja
FLY ARNA	AM AOC 075	ACY	L-Armenja
FLYONE ARMENIA	AM AOC 074	FIE	L-Armenja
NOVAIR	AM AOC 071	NAI	L-Armenja
SHIRAK AVIA	AM AOC 072	SHS	L-Armenja
SKYBALL	AM AOC 073	Mhux applikabbli	L-Armenja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kongo (Brazzaville) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Il-Kongo (Brazzaville)**
CANADIAN AIRWAYS CONGO	CG-CTA 006	TWC	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAFLIGHT SERVICES	CG-CTA 002	EKA	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAJET	RAC06-007	EKJ	Il-Kongo (Brazzaville)
TRANS AIR CONGO	CG-CTA 001	TSG	Il-Kongo (Brazzaville)
SOCIETE NOUVELLE AIR CONGO	CG-CTA 004	Mhux magħruf	Il-Kongo (Brazzaville)
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)**
AB BUSINESS	AAC/DG/OPS-09/14	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
AIR FAST CONGO	AAC/DG/OPS-09/03	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
AIR KASAI	AAC/DG/OPS-09/11	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") jew Numru tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
AIR KATANGA	AAC/DG/OPS-09/08	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
BUSY BEE CONGO	AAC/DG/OPS-09/04	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)	AAC/DG/OPS-09/02	DBP	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
CONGO AIRWAYS	AAC/DG/OPS-09/01	COG	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
GOMA EXPRESS	AAC/DG/OPS-09/13	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
KIN AVIA	AAC/DG/OPS-09/10	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
MALU AVIATION	AAC/DG/OPS-09/05	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
SERVE AIR CARGO	AAC/DG/OPS-09/07	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
SWALA AVIATION	AAC/DG/OPS-09/06	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
TRACEP CONGO AVIATION	AAC/DG/OPS-09/15	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-DRC)
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Djibouti responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**Il-Djibouti**
DAALLO AIRLINES	Mhux magħruf	DAO	Il-Djibouti
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Guinea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**Il-Guinea Ekwatorjali**
CEIBA INTERCONTINENTAL	2011/0001/MTTCT/DGAC/SOPS	CEL	Il-Guinea Ekwatorjali
CRONOS AIRLINES	2011/0004/MTTCT/DGAC/SOPS	Mhux magħruf	Il-Guinea Ekwatorjali
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Eritrea responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**L-Eritrea**

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") jew Numru tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
ERITREAN AIRLINES	AOC Nru 004	ERT	L-Eritrea
NASAIR ERITREA	AOC Nru 005	NAS	L-Eritrea
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kirgistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Il-Kirgistan**
AERO NOMAD AIRLINES	57	ANK	Il-Kirgistan
AEROSTAN	08	BSC	Il-Kirgistan
AIR COMPANY AIR KG	50	KGC	Il-Kirgistan
AIRCOMPANY MOALEM AVIATION	56	AMA	Il-Kirgistan
AVIA TRAFFIC COMPANY	23	AVJ	Il-Kirgistan
CENTRAL ASIAN AVIATION SERVICES	58	KAS	Il-Kirgistan
FLYSKY AIRLINES	53	FSQ	Il-Kirgistan
GLOBAL 8 AIRLINES	59	Mhux magħruf	Il-Kirgistan
HELI SKY	47	HAC	Il-Kirgistan
KAP.KG AIRCOMPANY	52	KGS	Il-Kirgistan
MAC.KG AIRLINES	61	MSK	Il-Kirgistan
SAPSAN AIRLINE	54	KGB	Il-Kirgistan
SKY JET	60	SJL	Il-Kirgistan
SKY KG AIRLINES	41	KGK	Il-Kirgistan
TRANS CARAVAN KG	55	TCK	Il-Kirgistan
TEZ JET	46	TEZ	Il-Kirgistan
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja.			**Il-Liberja**
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Libja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Il-Libja**
AFRIQIYAH AIRWAYS	007/01	AAW	Il-Libja
AIR LIBYA	004/01	TLR	Il-Libja
AL MAHA AVIATION	030/18	Mhux magħruf	Il-Libja
BERNIQ AIRWAYS	032/21	BNL	Il-Libja
BURAQ AIR	002/01	BRQ	Il-Libja
GLOBAL AIR TRANSPORT	008/05	GAK	Il-Libja
HALA AIRLINES	033/21	HTP	Il-Libja

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") jew Numru tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
LIBYAN AIRLINES	001/01	LAA	Il-Libja
LIBYAN WINGS AIRLINES	029/15	LWA	Il-Libja
PETRO AIR	025/08	PEO	Il-Libja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tan-Nepal responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**In-Nepal**
AIR DYNASTY HELI. S.	035/2001	Mhux magħruf	In-Nepal
ALTITUDE AIR	085/2016	Mhux magħruf	In-Nepal
BUDDHA AIR	014/1996	BHA	In-Nepal
FISHTAIL AIR	017/2001	Mhux magħruf	In-Nepal
SUMMIT AIR	064/2010	Mhux magħruf	In-Nepal
HELI EVEREST	086/2016	Mhux magħruf	In-Nepal
HIMALAYA AIRLINES	084/2015	HIM	In-Nepal
KAILASH HELICOPTER SERVICES	087/2018	Mhux magħruf	In-Nepal
MAKALU AIR	057 A/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
MANANG AIR PVT	082/2014	Mhux magħruf	In-Nepal
MOUNTAIN HELICOPTERS	055/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
PRABHU HELICOPTERS	081/2013	Mhux magħruf	In-Nepal
NEPAL AIRLINES CORPORATION	003/2000	RNA	In-Nepal
SAURYA AIRLINES	083/2014	Mhux magħruf	In-Nepal
SHREE AIRLINES	030/2002	SHA	In-Nepal
SIMRIK AIR	034/2000	Mhux magħruf	In-Nepal
SIMRIK AIRLINES	052/2009	RMK	In-Nepal
SITA AIR	033/2000	Mhux magħruf	In-Nepal
TARA AIR	053/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
YETI AIRLINES	037/2004	NYT	In-Nepal
It-trasportaturi tal-ajru kollha li ġejjin iċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tar-Russja			**Ir-Russja**
AURORA AIRLINES	486	SHU	Ir-Russja
AVIACOMPANY "AVIASTAR-TU" CO. LTD	458	TUP	Ir-Russja
IZHAVIA	479	IZA	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "AIR COMPANY "YAKUTIA"	464	SYL	Ir-Russja

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") jew Numru tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
JOINT STOCK COMPANY "RUSJET"	498	RSJ	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "UVT AERO"	567	UVT	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY SIBERIA AIRLINES	31	SBI	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY SMARTAVIA AIRLINES	466	AUL	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY "IRAERO" AIRLINES	480	IAE	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY "URAL AIRLINES"	18	SVR	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY ALROSA AIR COMPANY	230	DRU	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY NORDSTAR AIRLINES	452	TYA	Ir-Russja
JS AVIATION COMPANY "RUSLINE"	225	RLU	Ir-Russja
JSC YAMAL AIRLINES	142	LLM	Ir-Russja
LLC "NORD WIND"	516	NWS	Ir-Russja
LLC "AIRCOMPANY IKAR"	36	KAR	Ir-Russja
LTD. I FLY	533	RSY	Ir-Russja
POBEDA AIRLINES LIMITED LIABILITY COMPANY	562	PBD	Ir-Russja
PUBLIC JOINT STOCK COMPANY "AEROFLOT - RUSSIAN AIRLINES"	1	AFL	Ir-Russja
ROSSIYA AIRLINES, JOINT STOCK COMPANY	2	SDM	Ir-Russja
SKOL AIRLINE LLC	228	CDV	Ir-Russja
UTAIR AVIATION, JOINT-STOCK COMPANY	6	UTA	Ir-Russja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' São Tomé u Príncipe responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**São Tomé u Príncipe**
AFRICA'S CONNECTION	10/AOC/2008	ACH	São Tomé u Príncipe
STP AIRWAYS	03/AOC/2006	STP	São Tomé u Príncipe
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja			**Sierra Leone**

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") jew Numru tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sudan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Is-Sudan**
ALFA AIRLINES SD	54	AAJ	Is-Sudan
BADR AIRLINES	35	BDR	Is-Sudan
BLUE BIRD AVIATION	11	BLB	Is-Sudan
ELDINDER AVIATION	8	DND	Is-Sudan
GREEN FLAG AVIATION	17	GNF	Is-Sudan
HELEJETIC AIR	57	HJT	Is-Sudan
KATA AIR TRANSPORT	9	KTV	Is-Sudan
KUSH AVIATION CO.	60	KUH	Is-Sudan
NOVA AIRWAYS	46	NOV	Is-Sudan
SUDAN AIRWAYS CO.	1	SUD	Is-Sudan
SUN AIR	51	SNR	Is-Sudan
TARCO AIR	56	TRQ	Is-Sudan".

ANNESS II

"ANNESS B

LISTA TAT-TRASPORTATURI TAL-AJRU LI HUMA SOĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET OPERATTIVI FL-UNJONI [1]

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC")	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur	Tip ta' inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Marka/i tar-reġistrazzjoni u, meta jkun(u) disponibbli, in-numru/i tas-serje tal-kostruzzjoni tal-inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Stat tar-reġistrazzjoni
IRAN AIR	IR.AOC.100	IRA	L-Iran	L-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Fokker F100 u tat-tip Boeing B747	L-inġenji tal-ajru tat-tip Fokker F100 kif imsemmi fl-AOC; l-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B747 kif imsemmi fl-AOC	L-Iran
AIR KORYO	GAC-AOC/KOR-01	KOR	Il-Korea ta' Fuq	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': żewġ (2) inġenji tal-ajru tat-tip TU-204.	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': P-632, P-633.	Il-Korea ta' Fuq"

[1] It-trasportaturi tal-ajru mniżżlin fl-Anness B jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur tal-ajru li mhuwiex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, diment li jkun hemm konformità mal-istandards tas-sikurezza rilevanti.